MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**FRANCESCO DEPASQUALE**

Seduta tal-15 ta' April, 2013

Avviz Numru. 381/2007

**Silvio u Jennifer konjugi Falzon**
**(ID 311704M)**

**Vs**

**Joseph u Ursola konjugi Zerafa u, permezz ta' digriet tal 20 ta' Gunju 2008, Ursola Zerafa assumiet l-atti wara il-mewt ta' Joseph Zerafa u, permezz ta' digriet tal-20 ta' Novembru 2012, David Zerafa (ID 414248M), Catherine Galea (ID 543852M), Richard Zerafa (ID 781454M), Joseph Zerafa (ID 624956M), Mario Zerafa (ID 253063M) u Nazzarene Zerafa (Passaport Awstraljan N 2871953) assumew l-atti wara il-mewt ta' ommhom Ursola Zerafa**

Il-Qorti

Rat ir-rikors ippresetat fis 16 ta' Novembru 2007 mir-rikorrenti fejn huma qalu li, bhala propretarji u okkupanti tal-fond 10, Jensel Flats, Flat 1, Triq De Mello, Zurrieq,

huma kienu qed isofru danni b'konsegwenza ta' perkolazzjoni ta' likwidi mill-fond sovrastanti taghhom u li huwa propjeta tal-intimati Zerafa, u dana dovut ghal fatt illi hemm hsarat fil-fond tal-intimati li huma naqqsu li jirrangaw, ghalkemm anke interpellati sabiex jaghmlu dan permezz ta' ittra ufficjali datata 28 ta' Settembru 2007.

Rat ir-risposta tal-intimati Joseph u Ursola Zerafa fejn huma laqghu ghal dak lilhom imputat mir-rikorrenti billi shaqu illi huma ma kienu responsabbli ghall ebda hsarat peress illi fil-fond taghhom ma hemm ebda hsarat li jistghu jikkawzaw l-perkolazzjoni ta' likwidi.

Rat illi fis 6 ta' Frar 2008, tqabba il-Perit David Pace sabiex jezamina l-fond u jisma x-xhieda biex jikkonstata jekk hemmx perkolazzjoni ta' likwidi kif wieghed jigi allegat u, jekk iva, x'inhuma l-hsarat u l-ammonti.

Rat illi fit 2 ta' Marzu 2011, il-Perit David Pace ippresenta r-rapport tieghu, u dwaru sarulu domandi in eskussjoni, kemm bil-miktub mill-atturii fil 21 ta' Gunju 2011 u mill-intimati fil 11 ta' Awissu 2011, illi ghalihom il-Perit irrisponda, u kemm viva voce quddiem dina l-Qorti meta xehed fil 11 ta' Novembru 2011.

Rat illi fis 26 ta' Novembru 2012, wara illi saru l-legitimazzjoni tal-atti, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal 15 ta' April 2013.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-relazzjoni ippresentata mill-Perit David Pace saru zewg accessi fuq il-post, fejn fl-access tal 24 ta’ Lulju 2008 il-Perit ma inghatax acess ghal fond mill-atturi filwaqt illi fl-access tas-16 ta’ Settembru 2008, sar access kemm fil-fond tal-atturi kif ukoll fil-fod sovrastanti tal-konvenuti.

Rat illi waqt il-gbir tal-provi, il-Perit sema lill **Silvio Falzon** u **Jennifer Falzon** fid 19 ta’ Jannar 2009 u fil 11 ta Frar 2009, kif ukoll lill-**Perit Colin Zammit** u **Richard Abela**

fis-seduta tal 24 ta' April 2009. Fis-seduta tat 13 ta' Mejju 2009 xehdu **Mario Zerafa** u **Emanuel Magro** filwaqt illi fit 3 ta' Gunju 2009 u 17 ta' Gunju 2009, xehed **Eric Montfort**. Fit 3 ta' Lulju 2009 reggha xehed Eric Montfort u xehed **Joseph Caruana**.

Rat illi fit 28 ta' Settembru 2009, **David Zerafa** u l-**Perit Catherine Galea**, ghall-intimati, ippresentaw l-affidavits taghhom u, fit 23 ta' April 2010 sar il-kontro ezami taghhom.

Rat illi fid 9 ta' Gunju 2010, il-partijiet qablu illi l-Perit seta jirrelata fuq il-provi illi kien gabar.

**Ikkunsidrat**

Illi jirrizulta mill-provi prodotti illi z-zewgt appartamenti tal-partijiet kellhom l-istess tqassim tal-ambjenti b'mod illi l-kamra tal-banju tal-intimati kienet sovrastanti il-kamra tal-banju tal-atturi, u hija mill-kamra tal-banju tal-konvenuti illi r-rikorrenti qieghdin jallegaw li qed jipperkola likwidi gewwa s-saqaf taghhom u ikkawza hsara u jcappas il-hitan u soqfa.

Illi l-Perit seta' jikkonstata illi l-hsara fil-kamra tar-rikorrenti kienet fir-rokna tal-kamra tal-banju li jmiss mal-hajt illi jaghti ghal fuq il-bitha,u dana fuq in-naha tas-saqaf. Huwa seta' jikkonstata wkoll illi, fil-kamra tal-banju tal-konvenuti, kien hemm roqgha simili illi kienet tidher fl-istess posizzjoni tar-roqgha li kien hemm ghand ir-rikorrenti.

Illi mill-provi migbura mill-Perit, jirrizulta illi fit 13 ta' Dicembru 2005, kien hemm maltempata kbira u beda diehel ilma mis-saqaf tal-kamra tal-banju tar-rikorrenti, u dana gej mill-fond sovrastanti tal-konvenuti illi, dak il-hin, ma kellu hadd jghix fih. Illi, minn naha l-ohra, r-rikorrenti sahqu illi ghalkemm l-ewwel li dahhlu fil-post, kien hemm roqgha zghira ta' umidita, dina kienet incident izolat u il-hsara principali l-ewwel fegghet ghal April u Mejju 2007, jigifieri sentejn wara tali incident.

Illi r-rikorrenti allegaw li kien hemm hsara fis-sistema tal-kanen, izda l-Perit innota li x-xhud Emanuel Magro ghamel test fuq il-sistema idrawlika tal-kamra tal-banju u ma kien hemm ebda skular ta' ilma. Illi sussegwentement ir-rikorrenti allegaw illi tali skular gej mid-drains tal-fond sovrastanti, izda l-Perit innota illi fil-mument li allegatament beda hiereg l-ilma, il-fond ma kienx qed jintuza, u ghalhekk id-drains ma kienux qed jintuzaw.

Illi, ghalhekk il-Perit ghadda biex jaghmel tali konstatazzjonijiet:-

*"Mill-analazi tal-provi, ghalhekk, l-esponent aktar huwa dispost illi jaccetta l-verzjoni tal-fatti tal-konvenuti fis-sens illi fil-maltempata tat-13 ta' Dicembru 2005 sar tixrib estensiv mhux biss tal-istruttura tal-fond tal-atturi izda anke dik tal-konvenuti stess peress illi l-katusa tal-ilma tax-xita kienet difettuza b'mod illi l-ilma beda jiskula ghal gol-hajt u xarrab il-hitan tal-partijiet fuq oltre zewg sulari fil-parti ta' madwar il-katusa illi jikkomprendu sija l-kamra tal-banju kif ukoll il-kamra ta' warajha u l-aktar din ta' l-ahhar, ghaliex il-katusa qieghda mwahhla ma' dan il-hajt. Dan jinkwadra wkoll mas-sekwenza tal-fatti ta' tiswija u tibdil tal-katusi fl-2006 kif ikkonfermat anke l-istess attrici kif ukoll mal-attentat sabiex jigi identifikat jekk kienx hemm xi sors ta' skular ta' ilma fis-sistema tal-kanen tal-kamra tal-banju tal-konvenuti.*

*Ghaldaqstant, l-esponent jidhirlu illi l-hsara illi grat fis-soffitti u dekorazzjoni fil-fond tal-atturi ma gietx ikkawzata minn xi skular minn gewwa l-fond tal-konvenuti izda minn ilma tax-xita illi dahal mill-hajt peress illi l-katusa tal-ilma tax-xita kienet difettuza u halliet illi jiskula ilma ghal gewwa dan il-hajt."*

**Ikkunsidrat**

Illi, il-verzjoni moghtija mill-Perit giet minnu ikkonfermata diversi drabi waqt it-tlett eskussjonijiet illi kellu, tnejn minnhom bil-miktub u wahda viva voce, u ghalhekk il-Qorti

ma tarax ghaliex hija ma ghandhiex tadotta bhala taghha il-konkluzjonijiet minnu abbilment raggunti.

**Konkluzjoni**

Iil-Qorti

Wara illi rat il-provi kollha prodotti u ir-rapport tal-Perit minnha imqabbad, il-Perit David Pace, u il-konkluzjonjiet tieghu

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

Tilqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u

Tichad it-talba attrici

Spejjez kollha tal-proceuri odjerni ikunu a kariku tal-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------